A.L. 359 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2010 dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Importazzjoni u t-Trasferiment fil-Komunità, ta' Ungulati Ħajjin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura tal-Komunità, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Importazzjoni u t-Trasferiment fil-Komunità, ta' Ungulati Ħajjin.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli huwa li jittrasponu d-Direttiva 2004/68/KE li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni u t-trasferiment fil-Komunità ta' ungulati ħajjin u għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati skond regolamenti oħrajn u regoli tal-Komunità li jistgħu japplikaw f'dan ir-rigward.

(3) Dawn ir-regoli qegħdin isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u s-sigurtà pubblika. Kull ħtieġa u miżuri ta' ħarsien li jinsabu f'dawn ir-regoli inklużi dawk relatati mal-awtorizzazzjonijiet qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.

(4) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Lulju, 2010.

Tifsir.

2. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regoli, it-tifsiriet fl-Att u fir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità għandhom jibqgħu japplikaw.

Kap. 437.

A.L. 351 tal-2009.

(2) Għall-fini ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità dwar is-Servizzi Veterinarji f'Malta kif stabbilita bl-Att;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regoli u f'dak li għandu x'jaqsam ma' provdituri awtorizzati u servizzi tfisser permess, liċenza, *warrant*, appuntament, konċessjoni jew kull deċiżjoni li tirrigwarda aċċess għal attivita` tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali tal-Awtorità Kompetenti jew xi uffiċjal veterinarju nominat minnu;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif imwaqqfa mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

"konsumatur aħħari" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" tfisser Kumitat li jkun magħmul minn rappreżentanti ta' Stati Membri msejħa membri tal-kumitat, li jkunu jassistu u jikkonsultaw il-Kummissjoni billi jagħtu Opinjoni li tkun tirrigwarda miżuri ta' sigurtà f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali, biex wara jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura adatta. Dik il-proċedura tal-kumitat tkun tkopri il-katina kollha ta' provediment alimentari, li tkun tvarja minn ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali fir-razzett sal-prodott li jkun wasal għall-konsumatur aħħari, għalhekk issaħħaħ b'mod sinifikattiv il-kapaċità tagħha li timmira għal riskji għas-saħħa meta dawn jitfaċċaw fil-produzzjoni tal-ikel;

"kummerċ" tfisser kummerċ bejn Stati Membri jew bejn pajjiz terz u Stat Membru f'annimali u l-prodotti tagħom, negozju jew impjieg biex isir profitt jew qliegħ, b'mod partikolari f'bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut u tinkludi ftehim f'xi attivita` ta' negozju partikolari;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"pajjiżi terzi" tfisser pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"pajjiż terz awtorizzat" tfisser pajjiż terz, jew parti ta' pajjiż terz, li minnu l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ungulati ħajjin elenkati fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli tkun awtorizzata kif stabbilit fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli;

"il-prodott" tfisser kull prodott ta' oriġini tal-annimali għal kummerċ jew finijiet ta' kummerċ;

"provditur awtorizzat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru tad-destinazzjoni" tfisser dak l-istat membru li lejh l-ungulati jiġu importati jew trasportati jew mill-pajjiż jew Stat Membru tal-oriġini jekk ikunu trasferiti fil-Komunità jew minn pajjiż terz;

"UEI" tfisser l-Uffiċju ta' Evalwazzjoni u Spezzjonijiet li pajjiż terz ikun membru tiegħu;

"ungulati" tfisser dawk l-annimali elenkati fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli;

"veterinarju uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità.

Applikabbiltà.

3. (1) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw biex jipproteġu s-saħħa tal-annimali u għandhom ikunu estiżi biex ikopru annimali ungulati oħrajn li jistgħu joħolqu riskju simili ta' trasmissjoni ta'

mard. Fl-interess tat-trattament xieraq tal-annimali, l-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, l-ħtiġiet ġenerali tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Annimali matul il-Ġarr, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti tal-ilma tax-xorb u tal-għalf, u r-Regolamenti tal-2003 dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi Terzi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ta' Malta, għandu jingħata kont tagħhom.

A.L. 267 tal-2003.

A.L. 355 tal-2003.

(2) Id-Direttur tal-Awtorità kompetenti għandu japplika dawk il-ħtiġiet amministrattivi kollha neċessarji li jkunu konformi mal-ħtiġiet tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli, biex jiżgura li ma jkunx hemm ksur ta' dawn ir-regoli kif ukoll biex inaqqas ir-riskju għal konsumaturi aħħarin u kull riskju supplimentari għal annimali u għall-ambjent.

(3) Dawn il-miżuri jinkludu il-konfiska diretta tal-prodott, is-sospensjoni tal-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu mwettqa mill-provditur awtorizzat meta dawn ikun qegħdin joħolqu riskju lil konsumaturi aħħarin u lill-ambjent, u t-teħid lura ta' kull awtorizzazzjoni, liċenza jew permess skond l-Artikolu 60 tal-Att, flimkien mal-applikazzjoni ta' kull piena oħra amministrattiva skond l-Artikolu 61 tal-Att.

Pajjiżi terzi awtorizzati.

4. (1) L-importazzjoni tal-ungulati ħajjin u t-trasferiment tagħhom fil-Komunità għandhom ikunu awtorizzati biss minn pajjiżi terzi awtorizzati li jkunu jidhru fil-lista jew fil-listi li jkunu ser jiġu mħejjija jew emendati skond il-proċedura msemmija fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" fis-sub-regola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

(2) Meta jingħata kont tas-sitwazzjoni ta' saħħa u tal-garanziji stabbiliti mill-pajjiż terz awtorizzat għall-animali elenkati fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli, jista jiġi deċiż skond il-proċedura msemmija fis-sub-regola (1) ta' din ir-regola, li l-awtorizzazzjoni stabbilita fis-sub-regola (1) ta' din ir-regola għandha tkun tapplika għat-territorju kollu ta' pajjiż terz awtorizzat jew biss għal parti mit-territorju tiegħu.

(3) Għal dik il-fini u abbażi ta' *standards* internazzjonali rilevanti, għandha tingħata importanza ta' kif il-pajjiż terz awtorizzat ikun japplika u jimplimenta dawk l-i*standards*, b'mod partikolari l-prinċipju tar-reġjonalizzazzjoni fit-territorju tiegħu u f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġiet sanitarji tiegħu għal importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn u mill-Komunità.

(4) L-awtorizzazzjoni għal importazzjoni ta' ungulati ħajjin jew it-trasferiment tagħhom fil-Komunità, kif stabbilit fis-subregola (1) ta' din ir-regola u l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fis-subregola (3) tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli jistgħu jiġu sospiżi jew revokati skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola, meta s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-pajjiż terz awtorizzat tkun tiġġustifika dik is-sospenzjoni jew revoka.

Preparazzjoni tal-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati.

5. Meta l-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati jiġu mħejjija jew emendati, għandha b'mod partikolari tingħata importanza lil:

(a) l-istat ta' saħħa ta' *stock* ħaj, annimali domestiċi oħrajn u tal-ħajja ferjali fil-pajjiż terz, filwaqt li tingħata mportanza partikolari għall-mard ta' annimali eżotiċi u kull aspett tas-saħħa ġenerali u tas-sitwazzjoni ambjentali fil-pajjiż terz li jistgħu joħolqu riskju għas-saħħa u l-istat ambjentali fil-Komunità;

(b) il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali;

(ċ) l-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz awtorizzat u tas-servizzi tagħha ta' spezzjoni, is-setgħat ta' dawk is-servizzi, is-sorveljanza li għaliha huma jkunu soġġetti, u l-mezzi li jkunu disponibbli għalihom, inklużi l-kapaċità tal-persunel u tal-laboratorji, biex japplikaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod effettiv;

(d) l-assigurazzjonijiet li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz awtorizzat tkun tista' tagħti f'dak li għandu x'jaqsam ma' konformità jew ekwivalenza mal-kundizzjonijiet rilevanti tas-saħħa tal-annimali li jkunu japplikaw fil-Komunità;

(e) jekk il-pajjiż terz ikunx membru tal-UEI u tar-regolarità u l-ħeffa tal-informazzjoni provduta mill-pajjiż terz fir-rigward tal-eżistenza ta' mard tal-annimali li jkun infettuż jew li jkun jittieħed fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari dak il-mard elenkat mill-UEI;

(f) il-garanziji mogħtija mill-pajjiż terz direttament li jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

(i) fi żmien 24 siegħa mill-konferma tas-seħħ ta' xi marda elenkata fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli u ta' xi tibdil fil-politika tal-vaċċin li tkun tirrigwarda dik il-marda;

(ii) fi żmien adatt, ta' xi tibdil li jkun ġie propost fir-regoli nazzjonali tas-saħħa li jkunu jirrigwardaw l-annimali ungulati ħajjin, b'mod partikolari li jkunu jirrigwardaw l-importazzjoni;

(iii) f'intervalli regolari, tal-istat tas-saħħa tal-annimali fit-territorju tiegħu;

(ġ) kull esperjenza dwar importazzjoni preċedenti ta' annimali ħajjin mill-pajjiż terz u r-riżultati ta' xi kontrolli tal-importazzjoni li jkunu ġew imwettqa;

(h) ir-riżultati tal-ispezzjonijiet u, jew verifiki li jkunu ġew imwettqa fil-pajjiż terz minn veterinarju uffiċjali f'Malta, b'mod partikolari r-riżultati tal-verifiki tal-Awtorità Kompetenti, jew meta l-Kummissjoni hekk titlob, ir-rapport li jkun ġie ppreżentat mill-Awtorità Kompetenti dwar l-ispezzjonijiet li huma jkunu wettqu;

(i) ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li jkun infettus jew li jkun jittieħed, li jkunu qegħdin iseħħu fil-pajjiż terz u l-implementazzjoni tagħhom, inklużi r-regoli dwar l-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn.

Kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal importazzjoni u trasferiment minn pajjiżi terzi awtorizzati ta' ungulati ħajjin fil-Komunità.

6. (1) Il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni u t-trasferiment ta' ungulati ħajjin minn pajjiżi terzi awtorizzati fil-Komunità għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fir-subregola (2) tar-regola 4 ta' din ir-regola u għandu jingħata kont lil dan li ġej:

(a) l-ispeċi tal-annimali kkonċernati;

(b) l-età u s-sess tal-annimali;

(ċ) id-destinazzjoni jew l-iskop maħsuba tal-annimali;

(d) il-miżuri li għandhom ikunu japplikaw wara l-importazzjoni tal-annimali fil-Komunità; u

(e) kull dispożizzjoni speċjali li tkun tapplika fl-istruttura tal-kummerċ intra-Komunitarju.

(2) Il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandhom ikunu ibbażati fuq ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar il-mard li għalih l-annimali jkunu soġġetti.

(3) Madankollu, meta l-ekwivalenza tal-garanzija uffiċjali tas-saħħa stabbilit għall-pajjiż terz involut tista' tkun formalment rikonoxxuta mill-Komunità, il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali jistgħu jkunu ibbażati fuq dawk tal-garanziji.

Garanziji minn pajjiżi terzi awtorizzati f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjoni tal-ungulati ħajjin fil-Komunità.

7. L-importazzjonijiet tal-ungulati ħajjin fil-Komunità minn pajjiżi terzi għandom ikunu permessi biss jekk il-pajjiż terz awtorizzat jipprovdi dawn il-garanziji li ġejjin:

(a) l-annimali għandhom ikunu ġejjin minn territorju ħieles mill-mard, skond il-kriterji bażiċi ġenerali elenkati fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli u li fih id-dħul tal-annimali mlaqqma kontra l-mard elenkat f'dik l-Iskeda għandu jkun ipprojbit;

(b) l-annimali għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali kif stabbilit fir-regola 6 ta' dawn ir-regoli;

(ċ) qabel il-jum tat-tgħabija għall-konsenja lejn il-Komunità, l-annimali għandhom ikunu baqgħu fit-territorju tal-pajjiż terz awtorizzat għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit fil-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali msemmija fir-regola 6 ta' dawn ir-regoli;

(d) qabel il-konsenja lejn il-Komunità, l-annimali għandhom ikunu ġew soġġetti għal verifika minn veterinarju uffiċjali sabiex jiżgura li huma b'saħħithom u li l-kundizzjonijiet tat-trasport stabbiliti fir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali matul il-Ġarr b'mod partikolari jkunu ntlaħqu, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti tal-ilma tax-xorb u tal-għalf;

(e) l-annimali għandu jkollhom magħhom ċertifikat veterinarju li jkun konformi mar-regola 11 ta' dawn ir-regoli u mal-mudell taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli. Id-dispożizzjonijiet jistgħu jsiru għall-użu ta' dokumenti elettroniċi taħt l-istess proċedura; u

(f) mal-wasla fil-Komunità, l-annimali għandhom ikunu verifikati f'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bi ftehim skond ir-regolament tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi Terzi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ta' Malta.

Deroga mill-garanziji li għandhom ikunu provduti minn pajjiżi terzi awtorizzati.

8. B'deroga mir-regoli 6 u 7 ta' dawn ir-regoli, dispożizzjonijiet speċifiċi, inkluż il-mudell ta' ċertifikati veterinarji, jistgħu jkunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli għall-importazzjoni jew trasferiment tal-ungulati ħajjin minn pajjiżi terzi awtorizzati jekk dawk l-annimali:

(a) ikunu maħsuba esklusivament għal mgħera jew għal skopijiet ta' xogħol, abbażi temporanja, fil-viċinanza tal-fruntieri tal-Komunità;

(b) ikollhom x'jaqsmu ma' avvenimenti ta' sports, ċirku, wirjiet u esibizzjonijiet iżda ma jkollhomx x'jaqsmu ma' tranżazzjonijiet kummerċjali tal-annimali nfushom;

(ċ) jkunu maħsuba għal żoo, oqsma ta' divertiment, laboratorju esperimentali, jew xi korp approvat, istitut approvat jew ċentru approvat kif imfissra fit-tifsira "korp approvat" taħt is-subregola (2) tar-regola 2 tar-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

(d) ikunu ġew trasferiti għal kollox fit-territorju tal-Komunità permezz ta' spezzjoni f'postijiet ta' fruntiera li tkun approvata mill-Komunita` taħt l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' uffiċjali tad-dwana u veterinarju uffiċjali, mingħajr ebda waqfien fil-Komunità ħlief għal dawk li jkunu neċessarji għal finijiet ta' trattament xieraq tal-annimali;

(e) ikunu jakkumpanjaw lil sidhom bħala annimali domestiċi;

(f) ikunu ingħataw għal spezzjoni fil-post ta' fruntiera li tkun approvata mill-Komunità wara li jkunu telqu mill-Komunità:

(i) fi żmien 30 jum għall-waħda mill-finijiet msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (e) ta' din ir-regola; jew

(ii) ikunu ġew trasferiti lejn pajjiż terz; jew

(ġ) ikunu jappartjenu għal speċi li jkunu joħolqu xi periklu.

Deroga mir-regola 7(a) f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjoni jew trasferiment minn pajjiżi terzi awtorizzati.

9. B'deroga mir-regola 7 (a) ta' dawn ir-regoli, u bi qbil mal-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli, kundizzjonijiet jistgħu jkunu stabbiliti għall-importazzjoni jew trasferiment ta' ungulati ħajjin fil-Komunità minn pajjiż terz awtorizzat meta ċertu mard elenkat fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli jkun preżenti u, jew vaċċini kontra dak il-mard ikunu ġew mwettqa. Tali derogi għandhom ikunu stabbiliti pajjiż b'pajjiż.

Sospensjoni jew projbizzjoni ta' importazzjonijiet jew trasferiment minn pajjiżi terzi awtorizzati.

10. (1) B'deroga mir-regola 7(a) ta' dawn ir-regoli, u skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli, perjodu speċifiku jista' jiġi stabbilit wara li l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-ungulati ħajjin minn pajjiż terz awtorizzat setgħu kienu mibdija mill-ġdid wara s-sospensjoni jew il-projbizzjoni tal-importazzjoni jew trasferiment minħabba xi tibdil fis-sitwazzjoni tas-saħħa, flimkien ma xi kundizzjonijiet supplimentari li għandhom jiġu mwettqa wara dak il-bidu mill-ġdid.

(2) Meta jiġi deċiż li terġa tibda mill-ġdid l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' dawn l-annimali, għandu jingħata kont lil:

(a) normi internazzjonali u, jew;

(b) jekk xi epidemija jew numru ta' epidemiji li jkunu relatati ma' xulxin b'mod epiżootoliġiku ta' xi wieħed mill-mard elenkat fl-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli jkunux qegħdin iseħħu f'żona ġeografika limitata f'xi pajjiż jew reġjun terz awtorizzat; u, jew

(ċ) jekk l-epidemija jew l-epidemiji jkunux ġew imwaqqfa b'suċċess f'perjodu ta' żmien limitat.

Ċertifikati veterinarji.

11. (1) Ċertifikat veterinarju li jkun konformi mal-ħtiġiet stabbiliti fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli għandu jiġi ppreżentat ma' kull konsenja ta' annimali mal-importazzjoni jew trasferiment tagħhom fil-Komunità.

(2) Iċ-ċertifikat veterinarju għandu jiċċertifika li l-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli u leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità dwar is-saħħa tal-annimali, jew dispożizzjonijiet li jkunu ekwivalenti għal dawk il-ħtiġiet, meta dawk id-dispożizzjonijiet ikunu japplikaw skond is-subregola (3) tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli, ikunu ntlaħqu.

(3) Iċ-ċertifikat veterinarju jista jinkludi dikjarazzjonijiet iċċertifikati li jkunu meħtieġa taħt il-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali.

(4) L-użu taċ-ċertifikat veterinarju stabbilit fis-subregola (1) ta' din ir-regola jista jkun sospiż jew revokat skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli meta s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-pajjiż terz awtorizzat tkun tiġġustifika dik is-sospensjoni jew revoka.

Spezzjonijiet u verifiki f'pajjiżi terzi.

12. (1) L-ispezzjonijiet u, jew il-verifiki jistgħu jiġu mwettqa fil-pajjiżi terzi minn esperti tal-Kummissjoni biex tkun verifikata l-konformità jew l-ekwivalenza mar-regoli tal-Komunità dwar is-saħħa tal-annimali. L-esperti mill-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperti minn Malta awtorizzati mill-Kummissjoni biex iwettqu dawk l-ispezzjonijiet u, jew verifiki.

(2) L-ispezzjonijiet u, jew verifiki stabbiliti fis-subregola (1) ta' dawn ir-regoli għandhom jiġu mwettqa f'isem il-Komunità u l-ispejjeż li jkunu saru għandhom ikunu mħallsa mill-Kummissjoni.

(3) Il-proċedura għat-twettiq tal-ispezzjonijiet u, jew verifiki fil-pajjiżi terzi, kif stabbilit fis-subregola (1) ta' din ir-regola, tista' tiġi stabbilita jew emendata skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli.

(4) Jekk riskju serju għas-saħħa tal-annimali jkun identifikat matul xi spezzjoni u, jew verifiki skond is-subregola (1) ta' din ir-regola, anke jekk dan ma jkunx relatat b'mod dirett mal-għanijiet tal-ispezzjoni jew verifika, l-Kummissjoni għandha minnufih, tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa tal-annimali, kif stabbilit fir-regola 18 tar-Regoli tal-2003 dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Komunità minn Pajjiżi Terzi minn Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ta' Malta, inkluża s-sospensjoni jew ir-revoka tal-awtorizzazzjoni stabbilita fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli.

Dispożizzjonijiet li jagħtu segħta.

13. (1) Dan li ġej jista jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli:

(a) regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli;

(b) regoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-oriġini tal-annimali;

(ċ) il-kriterja biex jiġu klassifikati pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati f'dak li għandu x'jaqsam mal-mard tal-annimali;

(d) dispożizzjonijiet għall-użu ta' dokumenti elettroniċi li jkunu jirrigwardaw il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji kif stabbilit fir-regola 7 (e) ta' dawn ir-regoli;

(e) mudelli taċ-ċertifikati veterinarji kif stabbilit fis-subregola (1) tar-regola 11 ta' dawn ir-regoli.

(2) Skedi li jinsabu ma' dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fis-subregola (1) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli filwaqt li b'mod partikolari tingħata importanza lil:

(a) opinjonijiet xjentifiċi u tagħrif xjentifiku, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' verifiki ta' riskji ġodda;

(b) żviluppi tekniċi u, jew emendi għal *standards* internazzjonali; u

(ċ) l-istabbilizzazzjoni ta' miri ta' sigurtà għas-saħħa tal-annimali.

Reati u pieni.

14. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares dawn ir-regoli tkun ħatja ta' reat skond l-Att u d-dispożizzjonijiet u l-miżuri imsemmija fis-subregoli (2) u (3) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dik il-persuna.

(2) Kull dritt mogħti lill-Awtorita` Kompetenti taħt dawn ir-regoli biex tapplika dawk il-miżuri kollha neċessarji msemmija fis-subregoli (2) u (3) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli, għandu jiġi mogħti lill-Awtorita` mingħajr preġudizzju għal proċeduri kriminali oħrajn li jistgħu jittieħdu taħt l-Att jew kull liġi oħra meta persuna twettaq xi reat billi tonqos milli tkun konformi ma' dawn ir-regoli.

Jirrevoka A.L. 69 tal-2005.

15. Ir-Regoli tal-2005 dwar Problemi fi Spezzjonijiet tas-Saħħa u Veterinarji Meta Ssir l-Importazzjoni ta' Annimali Bovini, Majjali, u Laħam Frisk minn Pajjiżi Terzi, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

Skeda I

Speċi ta' annimali msemmija fir-regola 1

Taxon		
Ordni	Familja	Ġeneru/Speċi
Artiodactyla	*Antilocapridae*	*Antilocapra ssp.*
	Bovidae	*Addax ssp., Aepyceros ssp., Alcelaphus ssp., Ammodorcas ssp., Ammotragus ssp., Antidorcas ssp., Antilope ssp., Bison ssp., Boss sp.(bellertve Bibos, Novibos, Poephagus), Boselaphus ssp., Bubalus ssp., (bellertve Anoa), Budorcas ssp., Capra ssp., Cephalophus ssp., Connochaetes ssp., Damaliscus ssp. (bellertve Beatragus), Dorcatragus ssp., Gazella ssp., Hemitragus ssp., Hippotragus ssp., Kobus ssp., Litocranius ssp., Madogua ssp., Naemorhedus ssp. (bellertve Nemorhaedus and Capricornis), Neotragus ssp., Oreamuos ssp., Oreotragus ssp., Oryx ssp., Ourebia ssp., Ovibos ssp., Ovis ssp., Patholops ssp., Pelea ssp., Procapra ssp., Pseudois ssp., Pseudoryx ssp., Raphicerus ssp., Redunca ssp.,*

Artiodactyla	*Camelidae*	*Rupicapra ssp., Saiga ssp., Sigmoceros-Alecelaphus ssp., Sylvicapra ssp., Syncerus ssp., Taurotragus ssp., Tetracerus ssp., Tragelaphus ssp. (bellertve Boocerus).*
	Cervidae	*Camelus ssp., Lama ssp., Vicugna ssp.*
	Giraffidae	*Alces ssp., Axis-Hyelaphus ssp., Blastocerus ssp., Capreolus ssp., Cervus-Rucervus ssp., Dama ssp., Elaphurus ssp., Hippocamelus ssp., Hydropotes ssp., Mazama ssp., Megamuntiacus ssp., Muntiacus ssp., Odocoileus ssp., Ozotoceros ssp., Pudu ssp., Rangifer ssp.*
	Hippopotamidae	*Giraffa ssp., Okapia ssp.*
	Moschidae	*Hexaprotodon-Choeropsis ssp., Hippopotamus ssp.*
	Suidae	*Moschus ssp.*
	Tayassuidae	*Babyrousa ssp., Hylochoerus ssp., Phacochoerus ssp., Potamochoerus ssp., Sus ssp.*
	Tragulidae	*Catagonus ssp., Pecari-Tayassu ssp. Hyemoschus ssp., Tragulus-Moschiola ssp.*

Perissodactyla	*Rhinocerotidae* *Tapiridae*	*Ceratotherium ssp., Dicerorhinus ssp., Diceros ssp., Rhinoceros ssp.* *Tapirus ssp.*
Proboscidae	*Elephantidae*	*Elephas ssp., Loxodonta ssp.*

Skeda II

Il-mard msemmi fir-regola 4(f)(i) u l-kriterju bażiku ġenerali għal territorju sabiex ikun meqjus bħala ħieles mill-mard bi qbil mar-regola 7(a)

Mard	Kundizzjonijiet	L-annimali kkonċernati
Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi kollha
Stomatiti vesikuali	L-ebda każ ta' mard matul l-aħħar sitt xhur	L-ispeċi kollha
Marda vesikulari tal-majjali	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul dawn l-aħħar 24 xahar	L-ispeċi tal-familja *Suidae*
Rinderpest	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi kollha
Peste des petits ruminants	L-ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi tal-ġeneru *Ovis u Capra*

B 4366 Plewropnewmonja bovina li tittieħed	L-ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi tal-ġeneru *Bos*
Marda ta' l-infafet fil-ġilda	L-ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul dawn l-aħħar 36 xahar	L-ispeċi tal-ġeneru *Bos. Bisono Babalus*
Deni tal-wied *Rift*	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi l-oħrajn kollha ħlief dawk tal-familja *Suidae*
L-ilsien kaħlani	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar bil-kontroll xieraq tal-popolazzjoni Kullikojda	L-ispeċi l-oħrajn kollha ħlief dawk tal-familja *Suidae*
Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali (*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi tal-ġeneru *Ovis u Capra*
Deni afrikan tal-majjali	L-ebda każ ta' mard matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi tal-familja *Suidae*

Deni klassiku tal-majjali	L- ebda tfaqqiegħ ta' mard, l-ebda evidenza ta' infezzjoni virali(*) u ma saret l-ebda vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar	L-ispeċi tal-familja *Suidae*

(*) Bi qbil mal-Kapitolu 2.1.1 tal-Manwal OIE.

Skeda III

Ħtiġiet għaċ-ċertifikati veterinarji kif imsemmija fir-regola 11

1. Ir-rappreżentant ta' l-awtorità kompetenti tal-konsenja li toħroġ iċ-ċertifikat veterinarju li jkun jakkumpanja l-konsenja ta' l-annimali għandu jiffirma ċ-ċertifikat u jiżgura li dan ikollu t-timbru uffiċjali. Din il-ħtieġa tkun tapplika għal kull folja taċ-ċertifikat jekk dan ikun jikkonsisti f'aktar minn folja waħda.

2. Iċ-ċertifikati veterinarji għandhom ikunu mħejjija fil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u ta' dak l-Istat Membru li fih isseħħ l-ispezzjoni ta' fuq il-fruntiera, jew għandu jkollu miegħu traduzzjoni iċċertifikata f'din il-lingwa jew lingwi. Madankollu, Stat Membru jista' jaċċetta li jagħmel użu minn lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità minbarra dik tiegħu.

3. Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat veterinarju għandha takkumpanja il-konsenji mad-dħul fil-Komunità.

4. Iċ-ċertifikati veterinarju għandhom ikunu jikkonsistu:
(a) f'folja waħeda tal-karti; jew
(b) f'żewġ jew aktar paġni li huma parti ta' karta waħda u li ma tkunx mifruda.
jew
(ċ) f'sekwenza ta' paġni numerati hekk li jindikaw li kull waħda hija paġna partikolari f'sekwenza li tkun tispiċċa (per eżempju, "paġna 2 minn erba' paġni").

5. Iċ-ċertifikati veterinarji għandu jkollhom numru uniku ta' identifikazzjoni. Meta ċ-ċertifikat veterinarju jkun jikkonsisti minn sekwenza ta' paġni, kull paġna għandha tindika n-numru uniku ta' l-identifikazzjoni.

6. Iċ-ċertifikat veterinarju għandu jkun maħruġ qabel mal-konsenja, li għaliha jkun jirreferi, ma tibqax fil-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

Skeda IV

Lista ta' Deċiżjonijiet

2003/56/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Jannar 2003 dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni tal-annimali ħajjin u l-prodotti mill-annimali minn New Zealand (ĠU L 22, tal-25.1.2003, p. 38)

2002/987/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2002 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Ġżejjer Falkland li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 344, tad-19.12.2002, p. 39)

2002/477/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa pubblika għal-laħam frisk u l-laħam tat-tjur frisk li jkun impurtat minn pajjiżi terzi u li temenda d-Deċiżjoni 94/984/KE (ĠU L 164, tat- 22.6.2002, p. 39)

2001/600/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2001 dwar il-miżuri protettivi f'dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' ċerti annimali mill-Bulgarija minħabba l-epidemija tal-marda tal-ilsien kaħlani, tħassar id-Deċiżjoni 1999/542/KE, temenda d-Deċiżjoni 98/372/KE dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni tal-annimali ħajjin tal-ispeċi bovini u tal-majjali minn ċerti pajjiżi Ewropej sabiex ikunu meqjusa uħud mill-aspetti f'dak li għandu x'jaqsam mal-Burgarija u temenda d-Deċiżjoni 97/232/KE li tħejji listi ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati membri jawtorizzaw l-importazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż (ĠU L 210, tat-3.8.2001, p, 51)

2000/159/KE: Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Frar 2000 dwar l-approvazzjoni proviżorja ta' pjanijiet residwi ta' pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 30)

98/8/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 2, tas-6.1.1998, p. 12)

97/222/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Frar 1997 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jimportaw prodotti tal-laħam (ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, p. 39)

97/221/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Frar 1997 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u l-mudell taċ-ċertifikat veterinarju fir-rigward tal-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi u tħassar id-Deċiżjoni 91/449/KEE (ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, p. 32)

95/427/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 1995 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' Namibja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 254, ta' l-24.10.1995, p. 28)

95/45/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Frar 1995 dwar il-lista ta stabbilimenti f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 51, tat-8.3.1995, p. 13)

94/465/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 1994 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Botswana li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 190, tas-26.7.1994, p. 25)

94/40/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 1994 dwar il-lista ta' stabbilimenti fiż-Żimbabwe li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 22, tas-27.1.1994, p. 50)

93/158/EEC: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 1992 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Komunità għall-pajjiżi terzi, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, u l-ħtiġiet regolatorji korrespondenti tal-Istati Uniti tal-Amerika fir-rigward tal-kummerċ ta' laħam frisk tal-bovini u tal-majjal (ĠU L 68, tad-19.3.1993, p. 1)

93/26/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 1992 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika tal-Kroazja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 16, tal-25.1.1993, p. 24)

90/432/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 1990 dwar il-lista ta' stabbilimenti fin-Namibja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 223, tat-18.8.1990, p. 19)

90/13/EEC: Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 1989 dwar il-proċedura li għandha tkun segwita għall-emendi jew għas-supplimenti tal-listi ta' stabbilimenti li jkunu approvati fil-pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità) ĠU L 8, tal-11.1.1990, p. 70)

87/431/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 1987 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Renju ta' Sdważilandja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 228, tal-15.8.1987, p. 53)

87/424/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 1987 dwar il-lista ta' stabbilimenti fl-Istati Uniti Messikani li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 228, tal-15.8.1987, p. 43)

87/258/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1987 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Kanada li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 121, tad-9.5.1987, p. 50)

87/257/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1997 dwar il-lista ta' stabbilimenti fl-Istati Uniti tal-Amerika li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 121, tad-9.5.1987, p. 46)

87/124/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 1987 dwar il-lista ta' stabbilimenti fiċ-Ċili li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 51, ta' l-20.2.1987, p. 41)

86/474/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 1986 dwar l-implementazzjoni tal-ispezzjonijiet fuq il-post li għandhom ikunu mwettqa fir-rigward tal-importazzjoni tal-annimali bovini u tal-majjali u ta' laħam frisk minn pajjiżi mhux-membri (ĠU L 279, tat-30.9.1986, p. 55)

86/65/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 1986 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Marokk li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 72, tal-15.3.1986, p. 40)

85/539/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 1985 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Groenlandja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 334, tat-12.12.1985, p. 25)

84/24/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fl-Islanda li jkunu approvati għall-iskop ta-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 20, tal-25.1.1984, p. 21)

83/423/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika tal-Paragwaj li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 238, tas-27.8.1983, p. 39)

83/402/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fi New Zealand li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 233, ta' l-24.8.1983, p. 24)

83/384/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fl-Awstralja li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 222, tat-13.8.1983, p. 36)

83/243/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika tal-Botswana li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 129, tad-19.5.1983, p. 70)

83/218/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' April 1983 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 121, tas-7.5.1983, p. 23)

82/923/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Dicembru 1982 li tkun tikkonċerna l-istabbilimenti fir-Repubblika tal-Gwatemala minn fejn l-Istati membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk (ĠU L 381, 32.12.1982,p. 40)

82/913/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 1982 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel u n-Namibja approvati għall-iskop ta' l-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 381, tal-31.12.1982, p. 28)

82/735/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 1982 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 311, tat-8.11.1982, p. 16)

82/734/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 1982 dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Konfederazzjoni Svizzera li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità (ĠU L 311, tat-8.11.1982, p. 13)

81/713/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 1981 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika Federali tal-Brażil li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni taċ-ċanga u l-vitella u tal-laħam minn solipiedi domestiċi fil-Komunità (ĠU L 257, ta' l-10.9.1981, p. 28)

81/92/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 1981 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Urugwaj li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni taċ-ċanga u l-vitella, laħam tan-nagħaġ u tal-laħam minn solipiedi domestiċi fil-Komunità (ĠU L 58, tal-5.3.1981, p. 43)

81/91/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 1981 dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Arġentina li jkunu approvati għall-iskop tal-importazzjoni fil-Komunità (ĠU L 58, tal-5.3.1981, p. 39)

79/542/EEC: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1976 li tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u ċ-ċertifikat veterinarju, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom. (ĠU L 146, 14.06.79, p. 15)

78/685/EEC: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 978 li tistabbilixxi lista ta' mard epiżootiku bi qbil mad-Direttiva 72/462/KEE (ĠU L 227, tat-18.8.1978, p. 32).